# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI. Nru. 2632

**Kaz Nru. 3651/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Eduard Roski (Passaport Germaniz**
**Nru. C4X720CNV)**
**u**
**Emperor Aviation Ltd. (C62836)**
**(dwar tkeccija mill-impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Eduard Roski, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-21 ta' Jannar, 2018. Meta ssejjah il-kaz ir-rikorrent fl'assenza tieghu kien assistit mill-Avukati Thomas Bugeja u Michael Agius u ghas-Socjeta ntimata deheru s-Sur Razvan Stefan li kien assistit mill-Avv. Christine Calleja.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li fit-12 ta' Ottubru, 2017 dahal f'kuntratt ta' impjieg ta' zmien indefinit mas-socjeta konvenuta bhala Pilot, b'dan il-kuntratt jigi effettiv mill-1 ta' Jannar, 2018 u b'salarju annwu ta' mija hamsa u sittin elf dollar (USD 156,000) fis-sena u pagament ta' mesili ta' disghajn elf Ruble (90,000 Ruble).**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu li s-socjeta ntimata, permezz ta' email mibghuta fid-9 ta' April, 2018 avzathu li l-impjieg tieghu kien qieghed jigi tterminat u li kien qieghed jigi moghti n-notice. Huwa jkompli jghid, li dan kollu sar minghajr ma nghata ebda raguni, minghajr ma nghata ebda warning u minghajr ma kien hemm incidenti ta' dixxiplina fi hdan is-socjeta.**

**Huwa jghid ukoll, li s-socjeta ntimata fl-istess email issottolinjat li hu kellu jibqa jahdem bhala pilota maghha matul in-notice period, li kien stipulat fil-kuntratt ta' impjieg f'klawsola 2.0 ta' tmien gimghat u cioe sat-3 ta' Gunju, 2018.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, illi t-tkeccija tieghu kienet ingusta u li saret ghal ragunijet mhux tajba u sufficjenti u mhux skont il-ligi kif ukoll, li jigi moghti kumpens xieraq.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li preliminarjament ir-rikorrenti jrid jipprova li fid-data tal-prezentata tal-kaz tieghu huwa kien prezenti fil-gzejjer Maltin. Hija tghid ukoll, li huwa kontestat illi l-kuntratt ezistenti bejn is-socjeta u r-rikorrenti kien wiehed ta' impjieg u li r-rikorrenti kien impjegat mas-socjeta esponenti.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fuq rikjesta tar-rikorrent u peress li ma kienx ibbazat bhala residenti f'Malta, huwa kien gie ngaggat bhalal self-employed. Is-socjeta tghid ukoll, li kif jixhed l-istess kuntrattipprezentat minnhu stess, klawsola 5.1 tghid "For the avoidance of doubt the Parties hereby declare that for all intents and purposes of the law this Agreement shall in no way be interpreted or construed as being an employment agreement and the relationship between the Parties will in no way be interpreted or construed as a relationship between an employer and Pilot. The pilot shall in fact be deemed for all intents and purposes of the law as a freelance Pilot in terms of the Operations Manual".**

**Is-socjeta tkompli tghid, li nfatti klawsola 5.2 tal-istess kuntratt tistipula, li r-rikorrenti kien responsabbli hu sabiex ihallas kwalunkwe taxxa li setghet tkun dovuta b'rizultat tal-kuntratt.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li klawsola 5.3 tistipula li l-kuntratt setgha jigi konvertit f'wiehed ta' impjieg, imma biss kemm-il darba r-rikorrenti jiddeciedi li jistabilixxi r-residenza u l-home airport tieghu gewwa Malta u jissodisfa r-rekwiziti necessarji sabiex ikun fuq il-payroll tal-kumpanija f'Malta.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li nfatti matul iz-zmien tal-kuntratt huwa kien jibghat fattura lill-kumpanija esponenti sabiex jithallas tas-sevizz tieghu u liema fattura lanqas kienet iggib ismhu fuqha izda isem kumpanija ohra li ggieb l-isem, Almandine INC, 113 Barksdale Professional Center 19711 Newark USA.**

**Fl'istqarrija tal-kaz is-socjeta tkompli tghid, li dan ikompli jixhed kif l-arrangament ezistenti bejn il-partijiet kien wiehed mahsub minn qabel u mixtieq mir-rikorrenti stess. Hija tghid ukoll, li qatt ma qajjem il-kwistjoni dwar jekk kienx impjegat jew le qabel ma fil-fatt ha pariri legali wara t-terminazzjoni tal-kuntratt tieghu.**

**Is-socjeta tghid li ghaldaqstant, hi aggixxiet dejjem in buona fede anke meta tterminat il-kuntratt ezistenti u minkejja li kellha raguni tajba biex tittermina bbazata fuq ksur tal-kuntratt, hija ma strahitx fuq tali ksur u ghazlet li tittermina billi ttih tmien gimghat notice skond klswsola 2.0 tal-kuntratt.**

**Is-socjeta tkompli tghid stante, li r-rikorrenti mhuwiex impjegat, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex jisma u jiddeciedi fuq dan il-kaz.**

**Is-Socjeta ssostni, li meta r-rikorrenti thallas l-ahhar pagamenti li kien dovut lejh skond il-kuntratt, tali hlas sar mis-socjeta rikorrenti " in full and final settlement of all your claims which you may have against the company in relation to your contract and its termination".**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti accetta tali pagament, izda nfurma lill-kumpanija li huwa kien qed jaccetta mhux "in full and final settlement"**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta ssostni, li min jaccetta pagament b'kundizzjonijiet bi kliem li nekwivokabilment ifissru, li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu u ma jistax ibiddel il-modalita ta' dak il-pagament kif pprova jaghmel ir-rikorrent. Is-socjeta tghid ukoll, li gladarba r-rikorrent accetta hlas tat-tmien gimghat notice money (li minnhom hadem biss hamest ijiem), flimkien ma hlas ghal beneficcji ohra, ma jistax wara jipprocedi kif ghamel quddiem dan it-Tribunal bil-pretensjonijiet tieghu u ghaldaqstant it-talba tieghu ghanda tigi michuda.**

**Is-socjeta tghid ukoll li minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-Tribunal jiddeciedi li r-rikorrenti kien effettivament impjegat mas-socjeta u hija umilment tissottometti, li kien hemm raguni tajba u sufficjenti li waslet ghal tali terminazzjoni, liema terminazzjoni ma kienx hemm bzonn li tigi preceduta minn ebda procedura dixxiplinarja peress, illi kien hemm ksur lampanti tal-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li klawsola 8 tal-kuntratt tistipula li "The Pilot undertakes to carry out the Service in Moscow Region which shall be deemed to be his home base, or as Emperor Aviation determines from time to time in accordance with the requirements of Emperor Aviation business needs".**

**Is-Socjeta tkompli tghid, li klawsola 13 kienet tistipula numru ta' garanziji li r-rikorrenti kien qed jipprovdi lis-socjeta esponenti fosthom "he is in possession of all valid licenses, medical certificates, ratings and authorisations as well as visas (such as Russian and American as a minimum) passport, permits and qualifications necessary, where applicable to serve the Company in the role in which he is being engaged".**

**Is-socjeta tghid ukoll, illi kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, kemm permezz ta' numru ta' emails, kif ukoll permezz ta' xhieda ohra, ir-rikorrenti naqas milli jkun fil-pussess tad-dokumenti necessarji sabiex ikun ibbazat fir-Russja u minkejja li s-socjeta rikorrenti gibditlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt, ir-rikorrenti baqa inadempjenti.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li minhabba l-fatt illi r-rikorrenti naqas milli jkun ibbazat fir-Russja, is-socjeta ntalbet mill-klijient taghha illi kienet qed tikri l-ajruplan mtajjar mir-rikorrenti, sabiex tirrimedja immedjatament din is-sitwazzjoni. Is-socjeta tghid ukoll, li ma kelliex ghazla ohra ghajr li tittermina l-kuntratt mar-rikorrenti u dan kif ser jigi spjegat ulterjorament waqt it-trattazzjoni ta dan il-kaz u ghaldaqstant, l-ebda kumpens m'ghnadu jkun dovut lillhu.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li minkejja l-fatt li kellha kull dritt li tittermina l-kuntratt immedjatament minhabba dan in-nuqqas, hija ghazlet li tittermina billi taghti lir-rikorrenti tmien gimghat notice (u cioe xahrejn paga) ai termini tal-klawsola 2.0 li kien jammonta ghal circa USA 40,062 (ekwivalenti ghal €34,407.43). Is-socjeta tkompli tghid, li minkeja li dan l-ammont gie mhallas u gie accettat mir-rikorrenti minghajr ma effettivament hadem l-istess notice period, ghajr ghal hames t'ijiem minnhom biss, hu qed jippretendi hlas ulterjuri ghat-terminazzjoni tal-kuntratt.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija taghha fejn tghid, li umilment tissottometti li jekk kemm il-darba dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi li r-rikorrenti gie mkecci ngustament, it-Tribunal ghandu jiehu nkonsiderazzjoni l-ammont li gie mhallas in relazzjoni mat-terminazzjoni tal-kuntratt.**

**It-Tribunal Industrijali beda jismha l-provi dwar l-eccezzjoni preliminarji mressqa mis-socjeta fejn tghid, li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrent u s-Socjeta ma kienitx relazzjoni ta' mpjieg.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti kellu zewg relazzjonijiet tax-xoghol mas-socjeta. L-ewwel kuntratt li kellu kien iggieb id-data ta' 24 ta' Settembru, 2015 u mill-provi jirrizulta li Ammr Shaladi Direttur tal-Kumpanija Emperor Aviation Limited kien ghamel dikjarazzjoni f'dan l-ewwel kuntratt, li r-rikorrenti kien impjegat tal-Kumpanija Emperor Aviation Ltd.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta spicca l-ewwel kuntratt sar kuntratt iehor bejn il-Kumpanija Emperor Aviaition Limited (C 62836) u Edward Roski, liema kuntratt kien datat 12 ta' Ottubru, 2017 u jibda b'sehh mill-1 ta' Jannar, 2018.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond klawsola 5.1 ta' dan il-kuntratt tghid "For the avoidance of doubts the Parties hereby declare that for all intents and purposes of the law this Agreement shall in no way be interpreted or construed as being an employment agreement and the relationship between the Parties will in no way be interpreted or construed as a relationship between an employer and Pilot. The Pilot shall in fact be deemed for all intents and puposes of the law as a freelance Pilot in terms of the Operations Manual".**

**Waqt is-smigh tal-provi l-assistenza legali tar-rikorrent qalet, li r-rikorrent ghandu jitqies li huwa kien impjegat mal-Kumpanija Emperor Aviation Limited. Huma jghidu wkoll, li r-rikorrenti ghandhu jikkwalifika li kien impjegat ghal diversi ragunijiet fosthom; li dan kien l-uniku xoghol li kien jghamel, id-dhul finanzjarju tieghu kien gej biss mis-socjeta ntimata, huwa kien jiddedika l-hin tax-xoghol kollu tieghu lill Kumpanija Emperor Aviation Limited u ma setghax jahdem ghal kumpaniji ohra. Ma dan, huwa kien jirraporta ghax-xoghol skond kif jigi ordnat mill-management tas-socjeta ntimata.**

**Ghar-rikorrenti gie ddikjarat ukoll, li huwa kien obbligat biss jircievi struzzjonijiet mid-Director Fight Opeations tas-socjeta ntimata u dan juri li huwa kien jghamel parti mill-organigram u l-istruttura tal-**

**kumpanija u li kien hemm wkoll ufficcjali tas-socjeta li kien jirrispondi lejhom.**

**Fix-xhieda mressqa l-assistenza legali tar-rikorrent tghid ukoll, li r-rikorrenti kien juza l-ghodda u l-makkinarju kif tigi pprovduta mill-kumpanija sabiex ikun jistgha jghaqdi ddoveri tieghu. L'assistenza legali tghid ukoll, li r-rikorrent kien obbligat li josserva l-hinijiet tax-xoghol, ir-regoli, il-policies u regulations ohra li kienu applikabbli fuq il-post tax-xoghol.**

**L-assistenza legali tar-rikorrent issostni, li bil-kundizzjonijiet tax-xoghol immsemmija hawn fuq, il-pozizzjoni tar-rikorrent tikkwalifka li hu ghandu jigi meqjus bhala mpjegat tas-socjeta.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti qatt ma rregistra x-xoghol mal-JobPlus f'Malta u huwa ma kienx ihallas it-taxxa u National Insurance f'Malta. Mix-xhieda tar-rikorrent datata 6 ta' Dicembru, 2018 u tas-16 ta' April, 2019 huwa jghid, li bhala xoghol hu kien irregistrat fir-Renju Unit kif ukoll, kien ihallas l-kontribuzzjoni socjali u t-taxxa fir-Renju Unit.**

**Waqt il-provi r-rikorrent ntalab biex jissostanzja dak li kien qed jixhed, li bhala xoghol huwa kien registrat fir-Renju Unit u li kien qed ihallas il-kontribuzzjoni socjali u dan sabiex jigi kkwalifikat jekk kienx registrat bhala mpjegat ma xi kumpanija ohra jew kienx registrat bhala self-employed. Huwa gie mitlub ukoll, biex jipprezenta d-dokument tat-taxxa biex jissostanzja dak li qal, li l-uniku dhul li kellu kien gej biss minghand is-socjeta ntimata. Dwar dawn it-talbiet ir-rikorrent ma pprezentax id-dokumentazzjonijiet mitluba u rigward it-taxxa huwa sosstna, li dan il-kaz ma kienx kaz li jirrigwardja l-hlasijiet tat-taxxa.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fuq struzzjonijiet tar-rikorrent is-socjeta ntimata ghamlet hlasijiet ghas-servizzi ta' Pilota kemm f'bank Erste Bank li jgib l-isem tar-rikorrent, kif ukoll saru hlasijiet li gew invoiced mill-Kumpanija rregistrata fl'Istati Uniti ta' l-Amerika bl'isem ta' Almandine INC. bl'indirizz 113 Barksdale Professional Center, 19711 Newark USA, fejn id-dettalji ta' l-invoice tghid "Freelance Salary G-GABY Edward Roski".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti ma kienx residenti f'Malta izda huwa kien residenti f'Moskow. Mill-provi jirrizulta wkoll, li din kienet l-ghazla tar-rikorrent li jkun residenti f'Moscow u ma ta' l-ebda spjegazzjoni ghal liema ragunijiet ddecieda li jibqa jghex f'Moscow u ma jigix residenti f'Malta u jkollu l-home port f'Malta u b'hekk setgha l-kuntratt jikkonvertih f'wiehed ta' mpieg liema klawsola 5.3 tal-kuntratt**

**bejn il-partijiet tghid "This agreement can be converted into an employment contract in the case the Pilot decides to have his residency and home airport at the same time in Malta and fulfils finally the requirements to be on the Maltese payroll scheme".**

**Waqt il-provi s-socjeta ssosstni, li kienet l-ghazla tar-rikorrent li jkollu kuntratt ta' self employed u mhux ta' mpieg mal-kumpanija, kif ukoll is-socjeta tghid, li kienu ghal ragunijiet tieghu u possibiliment minhabba ragunijiet ta' taxxa li gieli talab lis-socjeta biex il-hlasijiet xi drabi jsiru f'ismhu u f'okkazzjonijiet ohra isiru fuq il-kumpanija Almandine Inc.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u fost l-aspetti li se jikkunsidra huma; kemm il-kundizzjonijiet tax-xoghol li jirrekjedu l-grad ta' Pilota biex jghaqdi d-doveri tieghu, kif ukoll se jikkunsidra n-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet fis-sens, jekk dan il-kuntratt kienx l-ghazla libera tar-rikorrent li jidhol ghal kuntratt ta' self employed jew jekk dan il-kuntratt kienx impost mis-socjeta bl'ghan, li min ihaddem jimponi dan ix-xorta ta' kuntratt biex jevita l-obligazzjonijiet legali dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett, jigifieri jekk dan il-kuntratt sarx bl'ghan li min ihaddem, jimponi kuntratt ta' din ix-xorta**

biex jevita l-obligazzjonijiet legali ta' l-impieg, dan it-Tribunal Industrijali wara li ezamina klawsola 5.3 tal-kuntratt ta' servizz li tghid "This agreement can be converted into an employment contract in the case the Pilot decides to have his residency and home airport at the same time in Malta and fullfills finally the requirements to be on the Maltese payroll scheme", dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li dan il-kuntratt ma sarx bl'ghan biex min ihaddem jevita l-obligi legali ta' l-impieg. It-Tribunal Industrijali jasal ghal din il-fehma ghar-raguni, ghax x'hin ried ir-rikorrent setgha jkun residenti f'Malta u jekk ir-rikorrent ried, setgha dan il-kuntratt jigi kkonvertit f'wiehed ta' impieg bir-rizultat, li min ihaddem kien ikun obbligat li josserva l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' impjegat kif huma rikjesti mill-ligijiet ta' Malta.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ma gietx moghtija spjegazzjoni mir-rikorrent ghall liema raguni huwa ma ghazilx li jirregistra x-xoghol tieghu mal-Jobs Plus f'Malta u ghazel li x-xoghol tieghu u l-hlasijiet kemm tal-kontribuzzjoni socjali kif ukoll tat-taxxa jhallshom fir-Renju Unit.

Dan it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li meta r-rikorrent gie mitlub biex jissostanza ix-xoghol tieghu kien registrat fir-Renju Unit u kien qed ihallas il-konntribuzzjoni socjali kif ukoll, li jipprezenta dokumentazzjoni tat-taxxa biex jipprova li l-unika dhul tieghu kien gej

**mis-socjeta ntimata, huwa rrifjuta li jissottometti dawn id-dokumentazzjoni u jghid ukoll, li ddokumentazzjoni tat-taxxa m'ghandhomx x'jaqsmu ghax il-kaz inkwestjoni ma kienx relatat mal-hlasijiet tat-taxxa tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, kif kien isir il-hlasijiet ghas-servizz li kien jghati r-rikorrenti lis-socjeta. Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi ta' kif kienu jsiru dawn il-hlasijiet jirrizultalu, li kien ir-rikorrenti li jghati struzzjonijiet lis-socjeta biex il-hlasijiet f'okkazzjonijiet isiru f'ismhu u f'okkazzjonijiet ohra kienet tinhareg invoice mill-Kumpanija Almandine INC. li ghandha l-indirizz taghha fl'Istati Uniti ta' l-Amerika.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li r-rikorrenti ghazel li l-hlas ghal servizzi ta' Pilota ma jsirux f'ismhu, izda jsiru lill-Kumpanija Almandine Inc., dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-rikorrenti zviluppa sitwazzjoni li mplikat, li r-relazzjoni ta' servizz ta' Pilota kien bejn il-kumpanija  Almandine Inc u l-kumpanija Emperor Aviaiton Limited.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, in-natura tax-xoghol ta' Pilota ta' l-Ajru. Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina ix-xoghol ta' Pilota ta' l-ajru jsib, li fost aspetti**

**ohra fin-natura tieghu, dan ix-xoghol hu regolat minn diversi fatturi fosthom, li ma jistghax jtajjar ajruplan x'hin irid jew jirraporta ghax-xoghol skond il-konvenjenza ta' Pilota, imma s-servizz ta' Pilota huwa regolat minn hinijiet u schedules li jigu mposti mill-Awtoritajiet ta' l'ajru.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dak li qed jigi msemmi hawn fuq iffisser, li lanqas l-istess socjeta m'ghanda ddeskrizzjoni li tuza l-ispazju ta' l-ajru skond il-konvenjenza taghha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li hija n-natura tax-xoghol ta' Pilota li josserva hinijiet skond struzzjonijiet li jigu moghtija mill-Awtoritajiet ta' l-ajru u huwa obbligat li josservahhom kemm biex iwassal passiggieri fil-hin, kif ukoll fuq kollox ghas-sahha u s-sigurta ta' min hu nvolut f'dan il-qasam ta' l-avjazzjoni.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li hija n-natura tax-xoghol ta' Pilota ta' l-ajru li josserva regolamenti mahruga mill-avjazzjoni ta' l-ajru u ta' health and safety fosthom, li ma jistghax jahdem aktar minn numru ta' sieghat fl-ajru ta' kull xahar kif ukoll, li l-Pilota ghandhu jkollu numru ta' sieghat ghall-mistrieh u dan sabiex il-Pilota ta' l-ajru jkun f'qaghda fizika tajba sabiex ma tigix ikkoppromettita s-sahha u s-sigurta ta' kulhadd.**

**It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li x-xoghol ta' Pilota m'ghandux jigi mpoggi fl'istess keffa ta' xogholijiet ohra, li ghal ragunijiet ghax il-haddiem obbligat li josserva l-hin tax-xoghol jew ghax jaqa taht ir-regime tal-management jew ghax hu obbligat li josserva regolamenti jew ghax juza l-makkinarju tal-kumpanija li f'dan il-kaz qed nirreferu ghal ajruplan, ghandu jitqies li huwa mpjegat.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li dawn il-kundizzjonijiet tax-xoghol japplikaw ghal kull Pilota. Dan ghar-raguni, li hija n-natura tax-xoghol ta' Pilota li jrid josserva kundizzjonijiet li huma mposti hafna drabi mhux mill-management tal-kumpanija imma skond ir-regolamenti ta' l-Awtoritajiet ta' l-ajru.**

**Invista ta' dak li gie analizzat hawn fuq, li kieku t-Tribunal Industrijali kellu jiddeciedi li b'rizultat ta' dawn il-kundizzjonijiet, ix-xoghol ta' Pilota huwa wiehed ta' mpieg ikun iffisser, li l-Piloti ma jistghux ikollhom xoghol ta' self employed u dan ikun ifisser ukoll, li qed jigi mcahhad id-dritt fundamentali tal-liberta ta' min jahdem xoghol ta' Pilota, li jghazel x'tip ta' relazzjoni tax-xoghol ghandu jkollu, jekk mhix wahda ta' mpieg jew ta' self employed.**

**Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-paritjiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li meta jezamina c-cirkostanza kollha tal-kaz fosthom, li r-rikorrent ghandhu livell ta' edukazzjoni gholja u kien jaf li l-kuntratt li ffirma fejn klawsola 5.1 tal-kuntratt titkellem car li kien kuntratt ta' self-employed u r-rikorrent setgha dan il-kuntratt jikkonvertih f'wiehed ta' impieg jekk huwa jigi residenti f'Malta, izda huwa ghazel li jibqa jghex f'Moscow.**

**Ma dan li qed jigi msemmi hawn fuq meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti naqas li jipprezenta dokumentazzjoni ta' kif kien regisrat bhala xoghol fir-Renju Unit ghax hu ghazel li ma jirregistrax mal-JobsPlus u ghaldaqstant ma setghax jigi verifikat x'kategorija ta' xoghol kien qed jirregistra ghalih, kif ukoll li naqas li jipprezenta d-dokumentazzjoni tat-taxxa biex jipprova li l-unika dhul li kellu kien gej biss mill-kumpanija ntimata.**

**Dan it-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijonijiet tieghu ghad-Decizjoni jikkunsidra wkoll, li kien ir-rikorrent li kien qed jeddetta l-mod kif ghandhom jithallsu is-servizzi tieghu u meta nvolva l-kumpanija Almandine Inc biex isiru hlasijiet lillha ghas-servizzi tieghu, huwa kien qed jimplika li hu kien impjegat mal-Kumpanija Almandine Inc u dan ghar-raguni, ghax kieku ma kienx impjegat maghha, il-kumpanija**

**Almandine Inc ma kienitx titlob hlasijiet lill Emperor Aviaition ghas-servizzi ta' Pilota li kien qed jghamel ir-rikorrent. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industriali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi, li ma kienx hemm relazzjoni ta' mpieg bejn ir-rikorrent u Emperor Aviation Limited (C 62836).**

**Invista ta' din id-Decizjoni, dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza sabiex ikompli jisma' u jiddeciedi fuq dan il-kaz inkwestjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**CHAIRMAN**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segetarja**

**Illum : 26 ta' Novembru, 2019**